



Brussell, 1 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15602/25

COPS 598
PSC DEC 56
CFSP/PESC 1674
CSDP/PSDC 713
EUMC 412
COAFR 324
EUTM SOMALIA 7
EUCAP SOMALIA 7

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2025)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/1

ta' ...

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2025)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

¹ ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2012/389/oj>.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, huwa awtorizzat jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia), inkluż id-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”).
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/3197², li testendi l-mandat tas-Sur Kęstutis LANĀINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025.
- (3) Fid-29 ta' Ottubru 2025, ir-Rappreżentant Għoli pproponiet li jiġi estiż il-mandat tas-Sur Kęstutis LANĀINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2026 sat-30 ta' April 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/3197 tal-10 ta' Diċembru 2024 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/2/2024) (ĠU L, 2024/3197, 16.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3197/oj>).

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Keştutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) huwa estiż mill-1 ta' Jannar 2026 sat-30 ta' April 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
